jitkellmu kif u meta jogħġobhom bil-Malti. għandna nħalluhom jitħarrġu sew fl-Ingliż, li hu Le, għax inkella qatt li hu qatt ma jitħarrġu sew fl-Ingliż, li hu lsien tqil daqs kemm hu mħabbel. Nixtieq infiehem biss, li littfal ta' l-iskejjel tagħna għandna ngħallmuhom igħannu u jitolbu b'ilsienhom ukoll, u jżejnu l-kitba tagħhom b'Malti sabiħ, mirqum u mexxej. Niftakru, għaldaqshekk, li ċ-ċkejknin tagħna huma l-irġiel ta' għada u l-Mexxejja ta' pajjiżna fiż-żmien li għad irid jiġi. Inqisu, mela, li wliedna jiksbu mill-iskejjel tagħna edukazzjoni sħiħa u mhux *nofs edukazzjoni.*

Jalla dawk kollha li quddiem Alla u l-bnedmin għad iridu jwieġbu fuq għadithom lejn Lsienna l-Malti u fuq ħidmithom dwar l-edukazzjoni ta' wliedna, jifhmu darba għal dejjem, sew bħala nsara u sew bħala Maltin, imġiebet Kristu Sidna u l-Qaddisin tiegħu lejn Lsien Arthom u bħalhom jaqdu dmirijiethom kollha lejn l-Lsien Malti, billi jħabirku sabiex il-għana, it-taħdit u t-talb tagħna jxiddu libsa tabilħaqq Maltija, libsa, li ż-żmien la jqaddem u lanqas iherri, imma aktar ma s-snin jitgerrbu u jgħaddu, aktar hi tissebbaħ, tiżżejjen u tistagħna.

*Twissija.*—Nixtieq ingħarraf lill-qarrejja, li meta jien tkellimt dwar talb, għana u taħdit bil-Malti fil-knejjes u fil-wirjiet ta' Fidi, ma ridtx nifhem li meta dawn it-tliet ħwejjeġ ikunu liturġiċi, għandhom isiru b'ilsienna u mhux bil-Latin. Fid-dehen u l-għaqal tagħha u sabiex bejn l-insara tad-dinja kollha jseħħu l-għaqda u l-ftehim, il-Knisja Kattolika għażlet il-Latin bħala l-ilsien waħdieni u uffiċjali tagħha. Lilha mela nobdu f'kull ma tgħallimna u nweġġħu kif xieraq ix-xewqat, ir-ridiet, id-drawwiet u t-twissijiet tagħha. Imma kemm tkun ħaġa sabiħa u ta' fejda li kieku l-poplu Malti jkanta aktar u ta' sikwit sew fil-knisja u kemm fil-purċissjonijiet. Min siefer u ra d-drawwiet kattoliċi ta' ġnus oħra jifhem x'irrid ingħid...... l-aktar min mar iżur Lourdes!

## REV. CHARLES L. DESSOULAVY, Ph.D.

B'għafsa ta' qalb inħabbru l-mewt ta' ħabibna r-Reverendu Charles L. Dessoulavy, Ph.D., Membru Korrispondent tal-"Għaqda" sa mindu dina twieldet. Il-"Għaqda", bil-mewt tiegħu, tilfet wieħed mill-egħżeż ħbieb tagħha ta' barra minn Malta. Il-mewt tar-Reverendu Dessoulavy ħalliet fostna vojt li ma jistax jimtela ħlief minn oħrajn tal-ħeġġa u ħila lingwistika tiegħu. F'ħarġa oħra ta' "Il-Malti" nitkellmu iżjed fil-wisa' fuq il-ħidma tal-mejjet ħabibna għall-ġid tal-"Għaqda" u tal-Malti.